MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 42

It-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Joseph Cutajar (JC) Sindku

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Baldacchino ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

42.1.1. Il-Viċi Sindku JB informa li s-Sindku JC ma setax ikun preżenti u talab li jkun skużat.

42.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

42.2.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.1.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 40.7.1 u ppropona li jiżdied it-test "SZ" wara l-kelma Kunsillier. Il-Kunsill qabel unanimament.

42.2.1.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

42.2.2. Il-Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tal-wieħed u erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.2.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 41.1.12 u talab li jkun mibdul it-test. Il-Kunsill qabel li l-kliem "Il-Kunsillier AC" jiġi sostitwit bil-kliem "Is-Sindku JC", u l-kliem "favur unanimament" jiġi sostitwit bil-kliem:
"Favur: 4 (JC, JB, LAG, JBD)
Kontra: 2 (AC, SZ)"

42.2.2.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:
Favur: 5 (SZ, AC, JB, JBD, LAG)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (JBO)

42.2.3. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.3 li tirrigwarda l-*Bye-laws tal-Barbeques* u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li ma kienx hemm iktar żviluppi, u li l-materja qegħda f'idejn l-uffiċċju legali tad-Dipartiment.

42.2.4. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.5 li tirrigwarda żona tal-għawm taż-żwiemel u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-talba tressqet u l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta, minħabba li d-Dipartiment ikkonċernat qed jaħdem fuq *policy* nazzjonali.

42.2.5. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.6 li tirrigwarda pjanti tal-parkeġġ f'Dawret Qalb Imqaddsa, quddiem il-Waterpolo Club u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-pjanti ilhom lesti xhur, u kienu intbagħtu lill-Kunsilliera, Huwa żied jgħid li l-istimi waslu riċenti, liema stimi ġew iċċirkolati lill-membri kollha, kif ukoll lill-operatur tar-restorant tal-Waterpolo Club li kien wera l-interess li jħallas 75%. Huwa żied jgħid li qed jistenna komunikazzjoni mill-operatur.

42.2.6. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.8 li tirrigwarda l-Bust ta' San Ġorġ Preca. Huwa informa li ltaqa' ma' benefattur flimkien mal-Viċi Sindku, u ser ikomplu d-diskussjonijiet wara l-festi.

42.2.7. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.9 li tirrigwarda *bollards* fi Triq Għar Dalam faċċata ta' Triq iż-Żejtun u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

42.2.8. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.12 li tirrigwarda stimi ta' toroq u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

42.2.9. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.18 li tirrigwarda ħmieġ fil-kantuniera ta Bengħisa. Huwa kien infurmat li din titnaddaf kontinwament. Il-Kunsill iddiskuta liberament din il-materja, u kien hemm il-qbil li tintalab stima lil Perit sabiex tiġi rranġata din iż-żona.

42.2.10. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.2.22 li tirrigwarda *traffic management* fil-Qajjenza. Huwa informa li kif maqbul, saret laqgħa fejn kienu preżenti rappreżentanti mill-Kumitat għal Qajjenza Aħjar. Waqt din il-laqgħa kien hemm is-suġġeriment li d-direzzjonijiet jibqgħu kif inhuma u Triq il-Batterija ssir b'parkeġġ naħa waħda. Kien hemm suġġerit li Triq Herakles, kantuniera ma Triq F.M. Ferretti issir *roundabout* sabiex jitnaqqsu l-aċċidenti u l-abbużi. Il-Kunsill qabel li isir disinn mill-Perit. Il-Viċi Sindku JB talab li aktar punti fuq il-laqgħa għandhom jiġu diskussi skont l-Aġenda.

42.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.3.2.2 li tirrigwarda laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Gwidi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddej bil-proċess.

42.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.4.5 li tirrigwarda l-Proġett "Muża". Huwa informa li ser jiġu proposti siti diversi minn dawk suġġeriti mill-Kunsill. Huwa informa li għandna nirċievu korrispondenza dwar dan. Huwa

informa li staqsa dwar il-fond tal-Freeport li jitqassam lil diversi Għaqdiet, u kien rakkomandat li ssir laqgħa dwar dan.

42.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.4.6 li tirrigwarda parkeġġ fil-Qajjenza. Huwa kien infurmat li t-talba tressqet lil Transport Malta.

42.2.14. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.6.2 li tirrigwarda disinn ġdid tal-Pjazza tal-Knisja u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni fuq din. Il-Kunsill qabel li għandu jitressaq is-suġġeriment lil GHRC.

42.2.15. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.9.6 li tirrigwarda dwal f'Misraħ is-Summit u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-applikazzjonijiet għal konnettjar ta' żewġ lampi ġodda saru.

42.2.16. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.13.1 li tirrigwarda 'Jum Birżebbuġ'a. Il-Viċi Sindku informa li tali diskussjoni għandha tkun fuq l-Aġenda tas-seduta li jmiss.

42.2.17. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 40.16.1 li tirrigwarda *Central Strip* fil-parkeġġ ta' San Ġorġ u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li x-xogħol sar.

42.2.18. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 40.2.22 li tirrigwarda t-Trasport Pubbliku, u irrimarkat li l-problema ma ssolvietx. Il-Kunsill qabel li l-Amministrazzjoni tressaq l-ilment formalment.

42.2.19. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 40.2.23, u staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex il-*Commitment Letters* tal-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

## 42.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

42.3.1. Il-Viċi Sindku JB informa dwar korrispondenza riċevuta mingħand Juul van Hoof li tirrigwarda l-programm Rainbow City Networks.

42.3.1.1. Il-Kunsill qabel li sabiex ikun jista' jiddeċiedi, il-Kunsill għandu jkollu iktar informazzjoni, inkluż l-ispejjeż involuti.

42.3.2. Il-Viċi Sindku JB informa dwar korrispondenza riċevuta mingħand Gordon Pace – Y Ltd, fejn il-Kunsill ġie offrut l-opportunita' li jerġa' jipparteċipa f'*Career Day* bħalma sar riċenti.

42.3.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa.

42.3.3. Il-Viċi Sindku informa dwar korrispondenza riċevuta mis-Sur Maurizo Cordina, fejn talab l-użu tas-Sala tal-Komunita' b'xejn sabiex jorganizza ikla fl-24 ta' Diċembru għal persuni li huma bi problemi soċjali.

42.3.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

42.4.1. Il-Kunsilliera JBD tkellmet dwar il-*bollards* ta Misraħ is-Summit li saru mill-Kunsill, u li riċenti saru fissi. Hija staqsiet dwar il-possibbiltà li dawn isiru elettroniċi u jkun hemm *Bollard Master* li jieħu ħsiebhom.

42.4.1.1. Il-Viċi Sindku JB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jirrapporta.

42.4.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li dawn saru fissi wara li kontinwament, kienu qed jiġu vandalizzati, u jitħallew miftuħin minn persuni mhux magħrufa.

42.4.1.3. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallew fissi kif inhuma.

42.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-parkeġġ ta' wara l-knisja. Huwa kien infurmat fin-negattiv, minħabba li l-Perit għadu ma ffinalizzax id-disinn.

42.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa min għamel il-proġett Triq iż-Żebbuġ. Il-Viċi Sindku informa li dan sar mill-Valletta 18, proġett li jismu Design4DCity

42.4.4. Il-Kunsillier AC staqsa għaliex fi Triq il-Port Ħieles, l-parti l-ġdida, hemm biċċa mibnija il-barra. Il-Viċi Sindku infurmah li dan sar minħabba li hemm ħarruba.

42.4.5. Il-Kunsillier AC staqsa jekk il-Kunsill bagħat is-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-applikazzjoni tax-xelter tal-klieb f'Bengħisa. Huwa kien infurmat li din intbagħtet.

42.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-proġett tal-*mini roundabout* fi Triq San Ġwann. Huwa kien infurmat li l-*works order* intbagħtet lil *Polidano Group* sabiex iwettqu x-xogħol skont il-pjanta mibgħuta.

42.4.7. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-proġett għal Triq Santa Rita kantuniera ma' Triq Sant' Anġlu. Huwa kien infurmat li ittieħed is-*survey* u intbagħat lil Perit sabiex isir disinn.

42.4.8. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibbiltà ta' proġett għall-immaniġġjar ta' traffiku aħjar fi Triq Sant' Anġlu kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jipprepara abbozz ta' pjanti għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

## 42.5 Rapporti;

42.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq Abbozz tal-Estimi Finanzjarji, liema estimi ser jiġu diskussi fil-laqgħa Annwali tal-Lokalita', liema estimi ġew ċirkolati minn qabel, u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

42.5.1.1. Ma kienx hemm kummenti riċevuti dwar l-estimi finanzjarji.

## 42.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

42.6.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

42.6.1.1. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier JBO favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

42.6.2. Il-Kunsillier AC informa li waqt laqgħa mal-Kumitat għall-Qajjenza aħjar, ġiet diskussa l-possibbiltà li r-rotta 82 tat-Trasport Pubbliku, tibda tidħol il-Qajjenza.

42.6.2.1. Il-Kunsill ma qabilx li għanda tintmiss ir-rotta imsemmija, imma qabel mal-possibbiltà li jiżdiedu il-frekwenzi tat-trasport pubbliku fil-Qajjenza.

42.6.3. Il-Kunsillier AC tkellem dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat maħtur sabiex jiddiskuti l-festa, li jinbidel id-disinn ta' Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament li l-abbozz tad-disinn jitressaq lil GHRC sabiex possibbilment dan isir bħala parti mir-riabilitazzjoni ta Triq Żarenu Dalli.

42.6.4. Il-Viċi Sindku JB informa dwar laqgħa li inżammet mal-Onor Julia Farrugia, li għaliha kienu preżent il-Viċi Sindku stess, is-Segretarju Eżekuttiv, u l-Kunsillier AC. Huwa informa li matul din il-laqgħa ġew diskussi l-ħsibijiet tal-Kunsill dwar żona dedikata għal għawm taż-żwiemel, il-bye-pass ta' Birżebbuġa, u l-użu tal-art tad-Depot 31 ta' Marzu.

## 42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

42.7.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 11/17 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

42.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

42.7.2. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Ottubru bir-riferenza 10/2017 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

42.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

42.7.3. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Novembru bir-riferenza 11/2017 (Anness Dok A3), li ġie ċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

42.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier JBO, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

**NB – 7.00pm. L-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ MMC talbet li tkun skużata**

## 42.8 Mozzjonijiet;

42.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 42.9 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

42.9.1. Il-Viċi Sindku JB informa dwar Applikazzjoni 8729/17, li tittratta tpoġġija ta' *attendants' area*¸ għal kiri ta' sunbeds u umbrellel, fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill ma kellux kummenti dwar din l-applikazzjoni.

42.9.2. Il-Viċi Sindku JB informa dwar Applikazzjoni 9495/17, li tittratta *renewal* ta' PA 2217/09 tal-Malta Freeport Terminals, u li tkopri *upgrade* ta' *North* u *West Quay.* Il-Viċi Sindku ressaq ukoll l-abbozz ta' oġġezzjoni imħejji mill-Konsulent tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu joġġezzjona skont ir-rakkomandazzjoni tal-Perit.

## 42.10 Talba għal Tpoġġija ta' Sunbeds u Umbrellel

42.10.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba minn Dr Luciano Busuttil, għan-nom tal-klijent tiegħu Noel Mallia, fejn talab lill-Kunsill ma joġġezzjonax, u jagħti l-permess lill-klijent tiegħu sabiex ipoġġi 400 *sunbed* u mitejn umbrella fil-Bajja s-Sabiħa.

42.10.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li l-applikant għandu jaderixxi mal-kundizzjonijiet li għandu eżistenti, u jarma fiż-żona delineata lilu mill-Awtorita' konċernata.

42.10.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk is-Sur Mallia jixtieq li jkabbar iż-żona, għandu jagħmel it-talba bid-dettalji kompluti lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni.

## 42.11 Talba għal rimbors ta' spejjeż f'bankina fi Triq Żarenu Dalli;

42.11.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba mis-Sur Emmanuel Caruana fejn talab li jiġi rimborsat għall-ispejjeż li għamel sabiex irranġa l-bankina.

42.11.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill ma qabilx li għandu jsir dan ir-rimbors, ġaladarba ix-xogħol ma kienx rikjest mill-Kunsill.

**NB: 7.25 pm Il-Kunsill qabel li tiġi xolta l-laqgħa**
**7.40 pm Il-laqgħa tkompliet**

## 42.12 Talba għall-ħlas minn Ġorġ Schembri;

42.12.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar talba għall-ħlas li verbalment irċieva mis-Sur Ġorġ Schembri. Huwa informa li dan il-ħlas huwa ta' xogħol ta' asfaltar li allegatament sar lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

42.12.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li jieħu parir legali fuq dan il-każ.

## 42.13 Street Lighting;

42.13.1. Il-Viċi Sindku JB ippropona li jitwaħħlu żewġ lampi fi Triq Sant'Anglu, bejn Triq il-Ħaddiema, u Triq Santa Rita.

42.13.2. Il-Kunsill qabel li jeħlu dawn il-bozoz, u jsiru l-applikazzjonijiet relevanti.

## 42.14 Attivitajiet tal-Kunsill;

42.14.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-attivita' ta' Jum Birżebbuġa, bi preparamenti għas-sena li ġejja.

42.14.1.1. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

42.14.2. Il-Kunsilliera JBD ferħet lit-tim involut fl-attività ta' Milied fil-Pjazza, li kienet attività ta' suċċess.

42.14.2.1. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li setgħet ma ngħalqitx Triq is-Sajjied, madankollu l-Kunsill innota li minħabba l-maltemp, il-folla preżenti kienet inqas minn dak stmat.

42.14.2.2. Il-Kunsillier AC irrimarka li l-attività' "L-istrina fil-Lokalita' Tiegħi" ma kienetx ta' suċċess kif maħsub, u l-organizzaturi ma kienux kuntenti. Ġie nnotat ukoll li din il-ġabra setgħet ħolqot konflitt bejn il-ġbir favur l-attività "Milied fil-Pjazza, u l-ġbir għall-Istrina.

42.14.3. Il-Kunsillier AC tkellem dwar il-Kunċert Joys of Gospel. Huwa irrimarka li instab *sposorship* ta €250 mill-kumpanija Liquigas, u li b'hekk ser ikompli l-spejjeż tas-Soprana Casingena, u l-fjuri. Huwa informa ukoll dwar l-abbozz tal-programm tal-attività' kif pjanat.

42.14.3.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier AC ikompli jikkordina l-attività' skont il-bżonn.

42.14.4. Il-Kunsill qabel li terga' tittella' l-attività' tal-Karnival f'Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel li l-kumitat organizzattiv ikun magħul mis-Sindku JC, u l-Kunsillieri JBD, AC, SZ. Il-Kunsill qabel li l-baġit ta' din l-attività, jkun l-istess bħal dak tal-ispejjeż rikorrenti tas-sena l-oħra.

## 42.15 Laqgħa tal-Lokalita';

42.15.1. Il-Viċi Sindku JB fakkar li din ser tinżamm it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2017, fis-6.00 pm.

## 42.16 Proġett Enemalta;

42.16.1. Il-Viċi Sindku informa li x-xogħol beda minn naħa ta Bengħisa.

42.16.2. Il-Kunsill innota li l-kuntrattur li qed jaħdem Bengħisa ħalla diżastru f'numru ta' ġranet, fosthom trinek miftuħin, nuqqas t dwal, u nġenji pparkjati bl-addoċċ.

42.16.3. Il-Kunsill innota wkoll li saru diversi rapporti lil Transport Malta dwar dawn in-nuqqasijiet.

42.16.4. Il-Viċi Sindku JB informa wkoll li beda x-xogħol fin-naħa tal-Qajjenza, mill-Kuntrattur MIVE.

## 42.17 Proposta ta' By-pass;

42.17.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar id-diversi komunikazzjonijiet li saru tul iż-żminijiet fejn il-Kunsill kien imwiegħed *by-pass* u dan minħabba li f'każ li tingħalaq Triq Birżebbuġa ħdejn ir-restorant Alfresco, jingħalaq l-aċċess ta' Birżebbuġa. Din il-*by-pass* baqgħet qatt ma saret.

42.17.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jifformalizza tali talba, liema għanda tintbagħat uffiċjalment lil Transport Malta, Ministru Responsabbli mit-Trasport u Infrastruttura, lil Project Malta, u lil Prim Ministru.

## 42.18 Użu tad-Depot 31 ta' Marzu;

42.18.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Ministru Joe Mizzi, fejn jintalaq uffiċjalment jekk hemmx pjani kif ser tiġi żviluppata l-art tal-ex-Depot 31 ta' Marzu, u dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq il-proposti u s-suġġerimenti tiegħu.

## 42.19 Triq ir-Raddiena;

42.19.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar kwistjonijiet li hemm f'din it-triq u ppropona li l-Kunsill jerġa' jirrevedi s-sistema tat-traffiku ta' din it-triq.

42.19.2. Il-Kunsill qabel li ssir evalwazzjoni, u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 42.20 Bye-law ħamiem;

42.20.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq abbozz ta' bye-law sabiex ikun hawn kontroll fuq il-ħamiem, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġiet unanimament ikkunsidrata bħala moqrija.

42.20.2. Il-Kunsill qabel unanimament ma tali bye-law, u għalhekk qabel li għandu jiġi ppubblikat l-avviż relevanti.

## 42.21 Offerta ta' Knis;

42.21.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq abbozz tal-offerta tal-knis u tindif ta' toroq, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

42.21.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar l-introduzzjoni tal-Best Price Quality Ratio.

42.21.3. Il-Kunsill qabel li n-numru ta' ħaddiema għandu jkun stabbilit bħala minimu, iżda mhux fiss.

42.21.4. Il-Kunsill approva d-dokument.

## 42.22 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.22.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Jannar, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 8 ta' Jannar, 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Baldacchino<br>Viċi Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |